**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, l-Erbgħa, 16 ta' Lulju 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 43/2025 BS**

**Christian Schembri Sillato sive Schembri u Francesca Schembri Sillato**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi illi ppremettew;**

1. Illi l-atturi huma koppja miżżewġa u żżewġu flimkien nhar it-tlieta w għoxrin (23) ta' Gunju elfejn tlieta w'għoxrin (2023), hekk kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u markat DOK 'A'. Illi dan iż-żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal

Għawdex permezz tal-Att tat-Żwieġ li jġib in-numru progressiv 74/2023.

2. Illi kienet dejjem l-intenzjoni tal-attriċi illi fiż-żwieġ tagħha mal-attur hija tieħu kunjom l-attur u iżżid kunjomha xebba warajh b'mod illi wara ż-żwieġ tiġi kunjomha 'Schembri Sillato'.

3. Illi meta marru jagħmlu it-tnedijiet taż-żwieġ fir-Reġistru Pubbliku ġie reġistrat illi l-koppja flimkien ma wliedhom kollha kien se jkun kunjomhom 'Schembri Sillato'.

4. Illi dan qatt ma kien il-ħsieb tal-atturi u probabbilment kien hemm xi malintiż jew minn naħa tal-atturi jew minn naħa ta' min kien qed jirrappreżenta lil konvenut dakinhar.

5. Illi kunjom l-attur kellu dejjem jibqa' Schembri filwaqt illi dak tal-ulied kellu dejjem ikun ukoll Schembri.

6. Illi għalhekk l-esponenti jemmnu illi għandu jkun hemm id-debita korrezzjoni fl-Att taż-Żwieġ tagħhom, b'mod illi dan ikun jaqbel mal-intenzjoni tal-partijiet.

7. Illi dan ir-rikors qed isir miż-żewġt atturi flimkien u qed jiġi kkonfermat bil-ġurament minn Christian Schembri (Sillato), li għandu konoxxenza vera u propja tal-fatti kif fuq dikjarati.

**Talbu lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li huwa erronju illi fuq l-Att taż-Żwieġ tal-atturi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numru progressiv 74/2023 kunjom l-attur huwa Schembri Sillato, kif ukoll huwa erronju fuq l-istess att taż-żwieġ illi l-kunjom li għandhom jieħdu ulied l-atturi għandu jkun 'Schembri Sillato';

2. Tiddikjara illi fiż-żewġt każi msemmija fl-ewwel talba (qabel din) il-kunjom kellu jkun biss 'Schembri'.

3. Tordna d-debita korrezzjoni fuq l-Att taż-Żwieġ tal-atturi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numru progressiv 74/2023 billi jigi espressament imniżżel illi kunjom l-attur ikun biss 'Schembri' filwaqt illi ulied l-atturi għandhom ikunu magħrufa wkoll bil-kunjom 'Schembri'.

Bl-ispejjeż kollha nkluża VAT kontra l-konvenut,

Il-konvenut imharrek għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġi nġunt.

**Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex illi eċċepixxa:**

1. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

2. Illi in limine litis huwa meħtieġ li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas ħmistax il-ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvem a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi l-esponenti mhux qiegħed jopponi għat-talba tar-rikorrenti u għalhekk qiegħed jirrimetti ruħu għas-salv ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li ġew dikjarati fir-rikors u fid-dokumenti hemm mehmuża;

5. Illi l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjeż tal-istanti, peress li t-talba tar-rikorrenti mhiex attriwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tiegħu;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokument ppreżentat mill-atturi annessi mar-rikors ġuramentat.

Fliet ukoll l-atti tal-kawża.

Rat illi fit-02 ta' Ġunju, 2025 il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tad-09 ta' Lulju, 2025.[1]

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex.[2]

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern.[3]

Rat li fis-seduta tad-09 ta' Lulju, 2025 l-kawża ġiet differita għas-sentenza għall-lum.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-atturi kif indikat fir-rikors ġuramentat qed jagħmlu din it-talba ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.

Huma jgħidu li żżewġu fit-23 ta' Ġunju, 2023. Jgħidu li dejjem kienet l-intenzjoni tagħhom li filwaqt li l-attriċi ma kunjom xbubitha żżid kunjom żewġha wara ż-żwieġ, mill-banda l-oħra l-attur u uliedhom kellu jkollhom il-kunjom "Schembri". Jgħidu li dan l-intendiment iżda ma ġiex rifless meta marru jagħmlu t-tnehdijiet taż-żwieg bil-konsegwenza li llum fl-Att taż-Żwieġ kunjom l-attur huwa mniżżel bħala "Schembri

[1] A fol 06 tal-proċess
[2] A fol 15 tal-proċess
[3] A fol 13 tal-proċess

Sillato" u li fuq l-istess Att hemm ukoll dikjarat li kunjom uliedhom futuri għandu jkun "Schembri Sillato".

Illi mill-provi jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-intenzjoni tal-partijiet kienet hekk kif dikjarat minnhom u kkonfermat bil-ġurament mill-attur inniffsu fir-rikors promotur.

Jirriżulta wkoll li din il-verżjoni ma ġiet bl-ebda mod kontradetta mid-Direttur konvenut, tant anzi li l-istess konvenut ma hux qed jopponi għat-talbiet kif dedotti.

Kif diġa nnutat din il-Qorti jirriżulta mill-atti li d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 saret u għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi.

Billi ma jirriżultax xi tort da parti tal-konvenuti tqis li dawn m'għandhomx ibatu l-ebda spejjeż.

**Deċide.**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u :

1. Tiddikjara li sar żball fl-Att taż-Żwieġ ta' l-atturi li jġib in-numru progressiv 74/2023 meta kunjom l-attur ġie indikat bħala "Schembri Sillato", kif ukoll sar żball meta fuq l-istess Att ġie dikjarat li kunjom ulied l-atturi għandu jkun ukoll "Schembri Sillato";

2. Tiddikjara li kunjom l-attur kellu jkun biss "Schembri" u kunjom ulied l-atturi għandu jkun wkoll "Schembri";

3. Tordna d-debita korrezzjoni fl-Att taż-Żwieġ ta' l-atturi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, Għawdex, bin-numru progressiv 74/2023, billi kunjom l-attur għandu jiġi mniżżel bħala "Schembri", kif ukoll kunjom ulied l-atturi għandu wkoll jkun "Schembri".

Rigward it-talba ta' l-atturi għall-akkorċjament tat-terminu ta' l-appell liema talba tinsab verbalizzata fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju, 2025, il-Qorti tilqa' t-talba u tordna li t-terminu ta' l-appell għandu jkun ta' ħamest ijiem.

L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku ta' l-atturi.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur